**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 06/18**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 07 ta' Mejju 2018 |
| **Ħin:** | 6:35pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Stephanie Fenech - Viċi-Sindku<br>Claude Camilleri - Kunsillier<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Joan Agius - Kunsilliera (Mis-6:45pm)<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati** | Amanda Abela - Kunsilliera<br>Joseph Hales - Kunsillier |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **06.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **06.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;** |
| **06.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **06.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;** |
| **06.05** | **Misraħ ir-Repubblika;** |
| **06.06** | **Infrastruttura;** |
| **06.07** | **Devoluzzjoni tal-Berġa;** |
| **06.08** | **Xogħol fuq il-Binja tal-Kunsill;** |
| **06.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** |
| **06.10** | **Affarijiet oħra; u** |
| **06.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**06. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba mard (imejl annessa) | |
| | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba raġunijiet familjari (imejl annessa) | |

**06. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 04/18 u 05/18 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 06. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06 2 5 | 04.02.06 | Agius: Pittura tas-Sur Joe Attard | Agius qalet li x-xogħol fuqha miexi. Tqajjmet diskussjoni dwar jekk għandux jitwaħħal ritratt fir-*reception* ukoll pero' dwar dan ser isiru iktar diskussjonijiet biex jaraw kif l-aħjar isir u fejn. | Agius |
| 06 2 6 | 04.02.08 | Agius: Xogħol f'Qasam Ħal Tmin | Informat lill-Kunsill li għad m'hemmx risposta dwar meta ser jibda x-xogħol, pero kien hemm xi individwi li irċevew ittra. | Agius |
| 06 2 7 | 04.02.10 | Chircop: Pitturi fir-*Reception* tal-Kunsill | Informa lill-Kunsill li issa ser jġu esebiti pitturi tal-artist Stephen Fenech. | Chircop |
| 06 2 8 | 04.02.14 | Camilleri D: Nazzareno Vassallo Award | Informat lill-Kunsill li din is-serata saret u ġiet mirbuħa mis-Sur Jospeh Carabott. | Camilleri D |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 2 | 9 | 04.03.01 | Agius: Xogħol ta' restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp | Staqsiet fiex wasal il-proċess. Chircop qal li qed nistennew il-permessi meħtieġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser imorru il-PA. Saret ukoll laqgħa mal-bennej u l-periti rigward il-periklu li jista' jkun hemm biex jinbidel il-ħajt. | Chircop |
| 06 | 2 | 10 | 04.03.04 | Caruana: Ħsara fil-vettura tas-Sa. Catherine Tabone | Caruana staqsa dwar dan. Il-Viċi-Sindku ipproponiet li dwar dan għandha tiġi diskussa *policy* dwar kif dawn għandhom jitħallsu. | Sindku |
| 06 | 2 | 11 | 04.03.05 | Agius: L-isem ta' Triq Bormla | Agius staqsiet dwar dan it-tibdil u l-Kunsill ta' Ħaż Żabbar qabel ma' din il-proposta. | Hales |
| 06 | 2 | 12 | 04.06.02 | Agius: Delegazzjoni mill-*Commonwealth* | Informat lill-Kunsill li dawn ġew u ħadu pjaċir ħafna fejn żaru wkoll il-każini fost postijiet oħrajn fiż-Żejtun. | Agius |
| 06 | 2 | 13 | 04.06.03 | Agius: Tqassim ta' ikel | Qalet li sar it-tqassim tal-ikel pero' kien hemm xi nies li ma rċievewx in-notifika u baqgħu mingħajr ikel. | Agius |
| 06 | 2 | 14 | 04.06.04 | Agius: *Weekend Break* | Informat lill-Kunsill li dan tħassar peress li l-lukandi huma kollha ibbukjati. | Agius |
| 06 | 2 | 15 | 04.06.05 | Agius: *Altofest* | Qalet li l-*Altofest* fiż-Żejtun ġie fi tmiemu u waħda mir-rappreżentazzjonijiet saret id-dar tagħha u kienet suċċess. | Agius |
| 06 | 2 | 16 | 04.06.08 | Viċi-Sindku: Karozza elettrika | Staqsiet dwar dan u s-Sindku qalet li s'issa l-Kunsill bagħat ix-xewqa tiegħu li jakkwista l-vettura u ġie issuġerit *charging point* f'Misraħ Karlu Diacono. | Sindku |
| 06 | 2 | 17 | 04.06.10 | Chircop: Żejtun Taħt in-Nar | Qal li din l-attivita' ser issir bejn id-9am u nofsinhar u ser jieħdu sehem il-*Malta Command, Battlefields u l-Malta Sea Cadets* u ŻOEY. Ser issir ukoll l-kommemorazzjoni tal-vittmi tal-gwerra flimkien mal-għaqdiet u l-Arċipriet. | Chircop |
| 06 | 2 | 18 | 04.06.11 | Chircop: Kors tal-Inbid | Qal li l-applikazzjonijiet issa jinsabu miftuħa u diġa qed japplikaw ħafna nies. | Chircop |
| 06 | 2 | 19 | 04.06.14 | Camilleri D: *Sports Day* | Informat lill-Kunsill li din l-attivita' ġiet imtella' b'suċċess fejn kull parteċipant ġie ippreżentat b'ċertifikat. | Camilleri D |

**06 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa ma' TM | Is-Sindku qalet li saret laqgħa ma' TM fil-25 ta' April sabiex jiġi diskuss ir-*re-surfacing* tat-toroq tal-madwar Triq Alfredo Cachia Zammit. Ġew magħżula Triq Toni Zahra u parti minn Triq Sant' Anglu. Issuġerejna wkoll li tingħata prijorita' lill-Vjal il-25 ta' Novembru l-parti inti u ħiereġ il-barra miż-Żejtun li sar perikoluż minħabba li għoliet it-triq. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 2 | | Sindku: Is-siġar fi Triq Bormla | Is-sindku irrapurtat li ġibdulna l-attenzjoni li s-siġar taċ-ċawsli fi Triq Bormla huma kollha morda bid-dudu tas-susa. Saret laqgħa fuq il-post mal-Kunsill ta' Ħaż Żabbar, Wirt iż-Żejtun u d-dipartiment tal-protezzjoni tas-siġar. Wara ntbagħtilna rapport minn *Plant Protection Directorate* dwar x'għandu jsir lis-siġar biex jiġu protetti u ma jkomplix jinxtered il-mard. | Sindku |
| 06 | 3 | 3 | | Sindku: *Earth clean-up day* | Is-Sindku qalet li din saret il-Ħadd, 22 ta' April u ġiet imnaddfa Triq tal-Ħotba fejn inġabar ħafna skart li nstab fl-akwati. Irrimarkat li l-konkorroneza kienet waħda fqira. | Sindku |
| 06 | 3 | 4 | | Sindku: *Patching* ta' toroq | Is-Sindku qalet li minħabba l-ammont ta' ilmenti fuq tkissir ta' karozzi, sar *patching* estensiv fi Triq Ħal Tarxien, Taltass u Triq il-Wied bix-xogħol isir mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħolijiet. Intużaw mat-tmenin tunnellata tarmak li jammontaw għal €7,553.12 li ser jiġu mħallsa mill-Kunsill. | Sindku |
| 06 | 3 | 5 | | Sindku: Il-ħaddiem Frans Camilleri | Is-Sindku irrapurtat li s-Sur Frans Camilleri ġie sekondat mal-Kunsill Lokali minn Heritage Malta, sabiex ikun jista' jkompli bix-xogħol tiegħu. | Sindku |
| 06 | 3 | 6 | | Sindku: Parteċipanta għal Mrs Malta | Is-Sindku qalet li l-parteċipanta Mrs Cristina Spiteri ġiet il-Kunsill u ġiet mislufa l-bandiera tal-lokal kif ukoll tat l-invit għaċ-ċerimonja. | Sindku |
| 06 | 3 | 7 | | Sindku: Laqgħa ma' Denise Farrugia (Leap) | Din infurmatna li għandha l-ħsieb li torganizza attivitajiet għat-tfal bejn it-8 u l-11-il sena u għal *teenagers* minn 13 -il sena l-fuq. Ser jiġi diskuss magħha dwar dawn l-attivitajiet. | Sindku |
| 06 | 3 | 8 | 15 | AKL: *Light up the night* | Is-Sindku qalet li rċevejna ċirkolari sabiex jiġu mixgħula postijiet b'dawl blu jew vjola bħala awareness għal kundizzjoni tal-fibromialgija. Ġie ssuġerit is-salib tal-pjazza u l-faċata tal-Kunsill lokali. | Chircop / Viċi-Sindku |
| 06 | 3 | 9 | 2 | AKL: Skema ta' tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita' | Wara li ġiet diskussa din il-materja, sar qbil li għandna napplikaw sakemm ma jkunx hemm spejjeż żejda għal Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

**06. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**06. 5. Misraħ ir-Repubblika;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 5 | 1 | | Sindku: Proġett taz-Zuntier f'Misraħ ir-Reppublika | Is-Sindku irrapurtat li l-proċess t-tenders kien lest, pero ħadd ma kwalifika u ser jerġa jibda l-proċess mill-bidu. | |

**06. 6. Infrastruttura;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 6 | 1 | | Sindku: Ġnien il-Qawsalla | Is-Sindku qalet li t-tender huwa lest u ser naraw meta ġej l-*equipment.* Irid jitneħħa li hemm u jitwaħħal il-ġdid. | Sindku |
| 06 | 6 | 2 | | Sindku: Ġnien San Girgor u l-Gwiedi | Infurmat lill-Kunsill li dawn jinsabu fil-fażi tat-tenders. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 6 | 2 | | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Semmiet li qed naraw jistgħux isiru l-bankini fil-bidu ta' Triq Xrobb l-Għaġin. Ġie diskuss x-xogħol li ser isir f'din it-triq u sar qbil li għandna niktbu lill-James Piscopo ta' TM u l-Perit Chirs Cachia dwar ix-xogħolijiet li ser isiru, peress li l-Kunsill jixtieq li qabel issir it-triq jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ. | Segretarju Eżekuttiv |
| **06.** | **7.** | | | **Devoluzzjoni tal-Berġa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 7 | 1 | | Sindku: Devoluzzjoni tal-berġa | Ircivejna imejl sabiex naraw x'hemm bżonn isir. Agius ħejjiet rapport u rimarkat li wieħed mit-toilets irid jinbidel, isiru l-airconditioners kif ukoll bejn il-bitħa u l-kamra ta' ġewwa jingħalaq il-bieb bil-ġebel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Agius |
| **06.** | **8.** | | | **Xogħol fuq il-Binja tal-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 8 | 1 | | Sindku: Xogħol fuq il-ħajt li jagħti għal ġnien | Is-Sindku qalet li x-xogħol jista' jinbeda u dan ser jaħdmu fuqu Vince Grixti u Frans Camilleri wara l-ħin tax-xogħol tagħhom. | Sindku |
| **06.** | **9.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 9 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 9 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 06/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 9 | 4 | | *Petty Cash* - Marzu u April 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Marzu u April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €195.26 u €187.97. | Segretarju Eżekuttiv |
| **06** | **10** | | | **Affarijiet oħra; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 10 | 1 | | Camilleri D: Skola *Primary B* | Ġiet ikkuntatjata sabiex l-istudenti imorru d-*Day Care Centre* sabiex jiltaqgħu mal-anzjani u jkantaw diski tradizzjonali Maltin li ppreparaw. | Camilleri D |
| 06 | 10 | 2 | | Chircop: *Hike* | Chircop qal li sar *Hike* mal-grupp ŻOEY fl-14 ta' April fejn marru Wied Babu u baqgħu mexjin sa Għar Lapsi. | Chircop |
| 06 | 10 | 3 | | Chircop: Bolol | Chircop qal li s-sett ta' bolol personalizzati li jmiss ser jinħarġu fis-16 ta' Lulju. | Chircop |
| 06 | 10 | 4 | | Chircop: Lejla għal Eroj | Il-Lejla għal Eroj ser issir fil-5 ta' Lulju u ser issir ukoll il-Kompetizzjoni tal-Inbid fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Chircop |
| 06 | 10 | 5 | | Chircop: *Treasure Hunt* | Chircop informa lill-Kunsill li t-*treasure hunt* ser issir fl-10 ta' Awwissu. | Chircop |
| 06 | 10 | 6 | | Chircop: Monument Dun Salv Mifsud | Chircop qal li l-kumitat irringrazzjaw lill-Kunsill u lis-Sur Joe Attard ta' kif tmexxa x-xogħol għal monument ta' Dun Salv Mifsud. Qed jistennew li jitlesta l-proġett taz-zuntier sabiex jitwaħħal. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 10 | 7 | Caruana: Vetturi fi Triq Melchiore Gafa' | Caruana irrimarka li rċieva ilment li m'għandhomx jitħallew vetturi kbar fil-parti t'isfel ta' din it-triq. Dawn l-ilmenti għandhom jgħaddu għand il-pulizija għax il-Kunsill ma jistax jagħmel l-infurzar. | Caruana |
| 06 | 10 | 8 | Agius: Ħarġa għal serata ta' għana għand is-Salezjani | Informat lill-Kunsill li ser isir ħarġa għall-attivita' ta' għana għand is-Sależjani li ser tiġi organizzata minn *Festivals Malta.* Id-dħul ser ikun ta' €5 u €3 għal *coach*. | Agius |
| 06 | 10 | 9 | Agius: Jum l-Omm | Qalet li għal okkażżjoni ta' Jum l-Omm, it-tfal ser iżuru l-anzjani. Il-krafts kien kollu materjal riċiklat. | Agius |
| 06 | 10 | 10 | Agius: Infjorata | Qalet li l-ħarġa għal infjorata l-Belt Valletta saret u t-tfal ħadu pjaċir bil-proġetti li ġew ippreparati mill-ERA . | Agius |
| 06 | 10 | 11 | Viċi-Sindku: *Murials* fl-iskola Primarja B | Il-Viċi-Sindku qalet li saret attivita' fejn ġew maħduma 2 *murials.* L-istudenti tal-year 6 urew ix-xewqa li jħallu wkoll *murial* għal kull klassi bħala tifkira. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 12 | Viċi-Sindku: L-użu tar-rota | Informat lill-Kunsill li saret sezzjoni ta' informazzjoni dwar l-użu tar-rota lill-istudenti tas-snin 4, 5 u 6, fejn ġew mistiedna wkoll il-*Bicycle Awareness Group.* Ser issir ukoll attivita' fil-11 ta' Mejju fejn ser tintuża r-rota sal-iskola. Ser jitilqgħu minn Bir id-Deheb, San Girgor u l-*Skate Park* u jiltagħu fuq iz-zuntier u wara jsuqu sal-iskola u ser jingħata ċertifikat lill-parteċipanti. Saret enfasi kbira biex kulħadd jilbes l-elmu biex l-istudenti ikun sikuri. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 13 | Viċi-Sindku: Laqgħa ta' informazzjoni dwar fondi mill-*Erasmus+* | Qalet li ser issir sezzjoni ta' informazzjoni fit-23 ta' Mejju dwar fondi li wiħed jista' japplika għalihom. Din ser tkun miftuħa għal kulħadd. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 14 | Viċi-Sindku: Sessjoni tal-Logħba tal-Boċċi | Informat lill-Kunsill li ser issir sezzjoni dwar il-Logħba tal-Boċċi fl-24 ta' Mejju fil-klabb tal-boċċi f'San Girgor. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 15 | Viċi-Sindku: Sezzjonijiet tal-*Aerobics* | Qalet li s-sezzjonijiet tal-*Aerobics* ser jibdew isiru fuq barra fi Teatru ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 16 | Viċi-Sindku: Ċatra għal *Pageant of the Seas* | Informat lill-Kunsill li għal sena oħra ser issir iċ-ċatra għal isfida waqt il-*Pageant of The Seas* li ser issir fis-7 ta' Ġunju. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 17 | Viċi-Sindku: Ir-rampa tal-*Skate Park* | Informat lill-Kunsill li saru d-disinji u l-pjanti meħtieġa ta' kif għandha issir, minn grupp ta' żgħażagħ li jħobbu l-*skate boarding*. Din ser tinħadem mill-ħaddiema tal-Kunsill. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 18 | Segretarju Eżekuttiv: Nofstanhari tal-ħaddiema | Ressaq proposta sabiex in-nofstanhari tal-ħaddiema klerikali jitmexxew bi ħmistax u jibdew mill-1 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |
| **06** | **11** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-10:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar It-Tnejn, 11 ta' Ġunju fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela

IFFIRMATA
Anton Falzon

Sindku Segretarju Eżekuttiv